

32007L0019

31.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 91/17

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/19/KE

tat-30 ta' Marzu 2007

**li temenda d-Direttiva 2002/72/KE dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u d-Direttiva tal-Kunsill 85/572/KEE li tistabbilixxi l-lista tas-simulanti sabiex jintużaw għat-testijiet tal-migrazzjoni tal-kostitwenti tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jidħlu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel ("l-Awtorità"),

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE <sup>(2)</sup> hija Direttiva speċifika fit-tifsir tar-Regolament qafas (KE) Nru 1935/2004, li tarmonizza r-regoli għall-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel.
- (2) Id-Direttiva 2002/72/KE tistabbilixxi lista ta' sustanzi awtorizzati għall-manifattura ta' dawn il-materjali u l-oġġetti, b'mod partikolari addittivi u monomeri, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tagħhom, ir-regoli dwar l-ittikkettjar kif ukoll l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur jew operatur fin-negozju ta' l-ikel dwar l-użu korrett ta' daww il-materjali u oġġetti.
- (3) L-informazzjoni li nġhatat lill-Kummissjoni wriet li l-plastiċizzanti użati eż fis-siġilli tal-klorur tal-polivinil (PVC) fl-għotjien jistgħu jitħalltu ma' ikel imxaħħam fi kwantitajiet li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawżaw bidla inaċċettabbli fil-kompożizzjoni ta'

l-ikel. Għalhekk għandu jiġi ċċarat li, anke jekk dawn huma parti, per eżempju, mill-għotjien tal-metall, is-siġilli jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva 2002/72/KE. Fl-istess ħin, għandhom ikunu stabbiliti regoli speċifiċi rigward l-użu ta' l-addittivi fil-manifattura ta' dawn is-siġilli. Huwa xieraq li titqies il-ħtieġa tal-manifatturi ta' l-għotjien li jkollhom żmien biżżejjed biex jadattaw għal xi wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/72/KE. B'mod partikolari, meta wieħed iqis il-qafas ta' żmien meħtieġ għat-tħejjija ta' applikazzjoni għall-evalwazzjoni ta' addittivi speċifiċi użati fil-manifattura tas-siġilli ta' l-għotjien, għadu mhux possibbli li jiġi stabbilit minn issa kalendarju għall-evalwazzjoni tagħhom. Għalhekk, fl-ewwel stadju, il-lista pożittiva ta' l-addittivi awtorizzati li għandhom jiġu adottati fil-ġejjieni għall-materjali u l-oġġetti tal-plastik m'għandhiex tapplika għall-manifattura ta' siġilli fl-għotjien, biex l-użu ta' addittivi oħra jibqa' possibbli, suġġett għal-liġi nazzjonali. Din is-sitwazzjoni għandha terġa' tiġi evalwata fi stadju aktar tard.

- (4) Fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida relatata mal-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi evalwati mill-Awtorità u l-ħtieġa li l-regoli eżistenti jiġu adottati għall-progress tekniku għal kalkolu ta' migrazzjoni, id-Direttiva 2002/72/KE għandha tiġi aġġornata. Għal raġunijiet ta' ċarezza għandhom jiġu introdotti definizzjonijiet tat-termini tekniċi użati.
- (5) Ir-regoli għall-migrazzjoni ġenerali u l-migrazzjoni speċifika għandhom ikunu msejsa fuq l-istess prinċipju u għandhom għalhekk jiġu allinjati.
- (6) Għandhom jiġu introdotti regoli speċifiċi li jtejbu l-ħarsien tat-trabi, billi dawn jieklu aktar ikel mill-adulti apporporzjon tal-piż ta' ġisimhom.
- (7) Il-kontroll tal-konformità mal-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni (SML specific migration limits) fis-simulant D għall-addittivi mniżżla fl-Anness III, Taqsima B għad-Direttiva 2002/72/KE għandha tiġi applikata fl-istess ħin flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra għall-kalkolu tal-migrazzjoni introdott f'din id-Direttiva biex jippermetti stima aħjar ta' l-esponiment reali tal-konsumatur għal dawn l-addittivi. Għalhekk, l-iskadenza ta' l-applikazzjoni tal-kontroll ta' konformità msemmija hawn fuq għandha tiġi estiża.

<sup>(1)</sup> ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/79/KE (ĠU L 302, 19.11.2005, p. 35).

- (8) L-istatus ta' l-addittivi li jservu ta' għajnuniet fil-produzzjoni tal-polimerizzazzjoni (PPA polymerisation production aids) għandu jiġi kkjarifikat. Il-PPA li jservu wkoll ta' addittivi għandhom jiġu evalwati u jkunu inklużi fil-lista pożittiva ta' l-addittivi fil-ġejjieni. Xi wħud minn-hom huma diġà inklużi fil-lista attwali mhux kompluta ta' addittivi. Rigward l-addittivi li qed jaġixxu esklussivament ta' PPA, u li għalhekk mhumiex maħsuba biex jibqgħu fil-prodott finali, għandu jiġi ċċarat li l-użu tagħhom jibqa' possibbli, suġġetti għal-liġi nazzjonali, anke wara l-adozzjoni tal-lista pożittiva ta' addittivi fil-ġejjieni. Dik is-sitwazzjoni għandha terġa' tiġi evalwata fi stadju aktar tard.
- (9) Studji li saru wrew li l-azodicarbonamide jiddikomponi f'semicarbazide matul l-ipproċessar b'temperatura għolja. Fl-2003 l-Awtorità għet mitluba tiġbor *data* u tevalwa r-riskji possibbli kkawżati mis-semicarbazide fl-ikel. Sakemm inkisbet din l-informazzjoni u skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li jstabilixxi il-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-sigurtà fl-ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà fl-ikel<sup>(1)</sup>, l-użu ta' azodicarbonamide f'materjali u oġġetti tal-plastik ġie sospiż bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/1/KE<sup>(2)</sup>. Fl-opinjoni tagħha tal-21 ta' Ġunju 2005, l-Awtorità<sup>(3)</sup> kkonkludiet li l-karċinoġenità tas-semicarbazide mhuwiex ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem fil-konċentrazzjonijiet li jinsabu fl-ikel, jekk kemm-il darba s-sors ta' semicarbazide relatat ma' l-azodicarbonamide jiġi eliminat. Għalhekk huwa xieraq li tinżamm il-projbizzjoni ta' l-użu ta' l-azodicarbonamide fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik.
- (10) Għandu jiġi introdott il-kunċett ta' l-ilqugħ funzjonali għall-plastik, jiġifieri ilqugħ fil-materjali jew l-oġġetti tal-plastik li jnaqqas jew jipproteġi mill-migrazzjoni minn wara dan l-ilqugħ għal ġo l-ikel. Huma biss il-ħġieġ jew xi metalli li jistgħu jassiguraw l-imblokk totali tal-migrazzjoni. Il-plastik jista' jkun ilqugħ funzjonali parzjali bi proprjetajiet u effettività li jridu jiġu evalwati u jista' jgħin fit-tnaqqis tal-migrazzjoni ta' sustanza li fiha inqas mil-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni jew limitu tas-sejba. Wara ilqugħ funzjonali għall-plastik, jistgħu jintużaw sustanzi mhumiex awtorizzati sakemm jissodisfaw ċerti kriterji u l-migrazzjoni tagħhom tibqa' inqas minn limitu speċifiku ta' sejba. Meta jitqies l-ikel għat-trabi u għal persuni oħra partikolarment suxxettibbli kif ukoll id-diffikultà ta' dan it-tip ta' analiżi effettwat minn tolleranza analitika kbira, għandu jiġi stabbilit livell massimu ta' 0,01 mg/kg fl-ikel jew f'simulant ta' l-ikel għall-migrazzjoni ta' sustanza mhux awtorizzata permezz ta' ilqugħ funzjonali għall-plastik.
- (11) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/72/KE jipprovdli li mal-materjali u l-oġġetti jenħtieġ tintbagħat dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub li tivverifika li dawn huma konformi mar-regoli applikabbli għalihom. Skond l-Artikolu 5(1)(h) u (i) tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004, biex jissaħħaħ il-koordinament u r-responsabbiltà tal-fornituri, f'kull stadju tal-manifattura, inkluż dak tas-sustanzi li jibdew bihom, il-persuni responsabbli għandhom jiddokumentaw il-konformità mar-regoli rilevanti f'dikjarazzjoni ta' konformità li ssir disponibbli għall-klijenti tagħhom. Barra minn dan, f'kull stadju tal-manifattura, għandha tinżamm dokumentazzjoni ta' appoġġ, li tissostanzja d-dikjarazzjoni ta' konformità, disponibbli għall-awtoritajiet ta' infurzar.
- (12) L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill Nru 178/2002 jitlob lill-operatur tan-negozju ta' l-ikel li jivverifika li l-ikel jikkonforma mar-regoli applikabbli għalih. Għal dan il-għan, u soġġett għar-rekwiżit tal-kunfidenzjalità, l-operatur tan-negozju ta' l-ikel għandu jkollu fil-pussess tiegħu l-informazzjoni rilevanti li tiżgura li l-migrazzjoni mill-materjali u l-oġġetti tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet u r-restrizzjonijiet stabbiliti fir-regoli dwar l-ikel, b'rispett adegwat għall-kunfidenzjalità.
- (13) Il-konformità ma' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 ta' sustanzi mhux elenkati bħal impurità jiet jew prodotti ta' reazzjoni msemija fil-punti 3 ta' l-Annessi II u III tad-Direttiva 2002/72/KE għandha tiġi valutata mill-operatur tan-negozju kkonċernat skond prinċipji xjentifiċi rrikonoxxuti internazzjonalment.
- (14) Sabiex l-esponiment lill-konsumatur jiġi stmat aħjar, għandu jiddaħħal fattur tat-tnaqqis ġdid fl-ittestjar tal-migrazzjoni, imsejjaħ Fattur tat-Tnaqqis tax-Xaħam (FRF — Fat Reduction Factor). S'issa, l-esponiment għal sustanzi li jimigraw l-aktar lejn ikel imxaħħam (sustanzi lipofiliċi) kienet imsejja fuq il-fehma ġenerali li persuna tiekol kilogramm ikel kuljum. Madankollu, persuna tiekol l-aktar mal-200 gramma xaħam kull jum. Dan għandu jitqies permezz tal-korrezzjoni tal-migrazzjoni speċifika bl-FRF applikabbli għas-sustanzi lipofiliċi, konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel (SCF — Scientific Committee on Food)<sup>(4)</sup> u l-opinjoni ta' l-Awtorità<sup>(5)</sup>.

(1) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

(2) ĠU L 7, 13.1.2004, p. 45.

(3) Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 219, 1-36.

(4) L-opinjoni ta' l-SCF ta' l-4 ta' Diċembru 2002 dwar l-introduzzjoni ta' Fattur tat-Tnaqqis (Konsum) tax-Xaħam (FRF) fl-istima ta' l-esponiment għal migrazzjoni minn materjali li jmissu ma' l-ikel. [http://ec.europa.eu/food/fs/sc/scf/out149\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/food/fs/sc/scf/out149_en.pdf)

(5) L-opinjoni tal-Panel Xjentifiku dwar l-Addittivi ta' l-ikel, Sustanzi tat-Taħwir, Għajnuniet għall-ipproċessar u Materjali f'Kuntatt ma' l-ikel (AFC) fuq talba mill-Kummissjoni marbuta ma' l-introduzzjoni ta' Fattur tat-Tnaqqis (Konsum) tax-Xaħam għat-trabi u t-tfal, Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2004) 103, 1-8.

- (15) Fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida dwar il-valutazzjoni tar-riskji mill-monomeri u sustanzi oħra tal-bidu ivvalutati mill-Awtorità <sup>(1)</sup>, ċerti monomeri aċċettati proviżorjament flivell nazzjonali kif ukoll monomeri ġodda għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Komunità ta' sustanzi permessi. Għal oħrajn, ir-restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet diġà stabbiliti fil-livell Komunitarju għandhom jiġu emendati fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni ġdida disponibbli.
- (16) Il-lista mhux kompluta ta' addittivi li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik għandha tiġi emendata biex tinkludi addittivi oħra evalwati mill-Awtorità<sup>8</sup>. Għal ċerti addittivi, ir-restrizzjonijiet u/jew l-ispeċifikazzjonijiet diġà stabbiliti fil-livell Komunitarju għandhom jiġu emendati fuq il-bażi ta' dawn l-evalwazzjonijiet ġodda disponibbli.
- (17) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/79/KE <sup>(2)</sup> introduċiet it-tibdiliet fir-restrizzjonijiet u/jew l-ispeċifikazzjonijiet għas-sustanza bin-Nru ta' Ref. 35760 fit-taqsim A minflok fit-taqsim B ta' l-Anness III lid-Direttiva 2002/72/KE u għas-sustanza bin-Nru ta' Ref. 67180 it-tibdiliet kienu introdotti fis-sezzjoni B minflok fis-sezzjoni A ta' dak l-Anness. Barra minn dan, għas-sustanzi bin-Nru ta' Ref. 43480, 45200, 81760 u 88640 l-indikazzjoni għar-restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet fl-Anness III tad-Direttiva 2002/72/KE hija ambigwa. Għalhekk, għaċ-ċertezza legali, jeħtieġ li s-sustanzi bin-Nru ta' Ref. 35760 u 67180 jitqiegħdu fit-taqsim xierqa tal-lista ta' l-addittivi u li jergħu jiġu introdotti r-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tas-sustanzi bin-Nru ta' Ref. 43480, 45200, 81760 u 88640.
- (18) Intwera li l-ilma distillat użat attwalment mhuwiex simulant adegwat għal xi prodotti tal-ħalib. Huwa għandu jinbidel b' 50 % etanol, li jissimula aħjar in-natura mxahhna tagħhom.
- (19) Iż-żejt tas-sojja epoksizzat (ESBO Epoxidised soybean oil) jintuża bħala plastikizzant fis-siġilli. Meta titqies l-opinjoni ta' l-Awtorità adottata fis-16 ta' Marzu 2006 <sup>(3)</sup> rigward l-esponiment ta' l-adulti għall-ESBO użat fil-materjali li huma f'kuntatt ma' l-ikel, huwa xieraq li titwaqqaf data ta' skadenza iqsar għall-konformità tas-siġilli ta' l-għotjien mar-restrizzjonijiet ta' l-ESBO u s-sostitwiti tiegħu kif stipulat fid-Direttiva 2002/72/KE. L-istess data ta' skadenza għandha tapplika għall-projbizzjoni ta' l-użu ta' azodicarbonamide.

- (20) Ċerti ftalati huma użati bħala plastikizzanti fis-siġilli u f'applikazzjonijiet oħra tal-plastik. Fl-opinjoni tagħha ppubblikata f'Settembru 2005 dwar ċerti ftalati <sup>(4)</sup> l-Awtorità stabbiliet it-teħid tollerabbli ta' kuljum (TDI tolerable daily intakes) għal ċerti ftalati u smat li l-esponiment tal-bniedem għall-ċerti ftalati huwa fl-istess ambitu bħal dak tad-TDI. Għalhekk, huwa xieraq li titwaqqaf data ta' skadenza iqsar għall-konformità ta' materjali u oġġetti oħra tal-plastik mar-restrizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva 2002/72/KE għal dawn is-sustanzi.

- (21) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/572/KEE <sup>(5)</sup> u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE għandhom għallhekk jiġu emendati kif meħtieġ.
- (22) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Id-Direttiva 2002/72/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 2 hu mibdul b'dan li ġej:

“2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal: il-materjali u oġġetti, fl-istadju tal-prodott lest, huma maħsuba li jiġu f'kuntatt jew li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u huma maħsuba għal dak l-għan (mijnn hawn 'il-quddiem msejħa bħala 'materjali u oġġetti tal-plastik):

- (a) materjali u oġġetti u partijiet minnhom magħmula esklussivament mill-plastik;
- (b) materjali u oġġetti tal-plastik b'diversi saffi;
- (c) saffi tal-plastik jew kisi tal-plastik, li jiffurmaw is-siġilli fl-għotjien li flimkien huma magħmula minn żewġ saffi jew aktar ta' tipi differenti ta' materjali.”

<sup>(1)</sup> Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 218, 1-9.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 248, 1-16.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 273, 1-26.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2006) 316 sa 318, 1-10.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2006) 395 sa 401, 1-21.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.11.2005, p. 35.

<sup>(3)</sup> Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2006) 332, 1-9.

<sup>(4)</sup> Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 244, 1-18.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 245, 1-14.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 243, 1-20.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 242, 1-17.

Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2005) 241, 1-14.

<sup>(5)</sup> ĠU L 372, 31.12.1985, p. 14.

(b) il-paragrafu 4 hu mibdul b'dan li ġej:

“4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2(c), din id-Direttiva ma tapplikax għal materjali u oġġetti komposti minn żewġ saffi jew aktar, li wieħed minnhom jew aktar mhuwiex magħmul esklussivament mill-plastik, anke jekk dak maħsub li jiġi f'kuntatt dirett ma' l-oġġetti ta' l-ikel ma jikkonsistix esklussivament mill-plastik.”

2. Jiddaħħal l-Artikolu 1a li jmiss:

“l-Artikolu 1a

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) ‘materjali u oġġetti b'diversi saffi tal-plastik’ huma dawk il-materjali jew oġġetti tal-plastik magħmula minn żewġ saffi jew aktar ta' materjali, kull wieħed magħmul esklussivament mill-plastik, li huma mgħaqqda ma' xulxin permezz ta' adeżivi jew mezzi oħra;

(b) ‘ilqugħ Funzjonali tal-Plastik’ huwa lqugħ magħmul minn saff jew aktar ta' plastik li jiżgura li l-materjal jew l-oġġett finali jikkonforma ma' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) Nru 1935/2004 u ma' din id-Direttiva;

(c) ‘ikel mhux imxaħħam’ huwa ikel li għalih matul l-ittestjar ta' migrazzjoni simulanti oħra għajr is-simulanti D huma stipulati fid-Direttiva 85/572/KEE.

(\*) ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.”

3. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 2

1. Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik m'għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom fl-ikel fi kwantitajiet li jaqsbu 60 milligramma tal-kostitwenti rrilaxxati għal kull kilogramm ta' ikel jew simulanti ta' l-ikel (mg/kg) (limitu tal-migrazzjoni totali).

Madankollu, dan il-limitu għandu jkun 10 milligrammi għal kull deċimetru kwadru ta' area tal-wiċċ tal-materjal jew l-oġġett (mg/dm<sup>2</sup>) fil-każi li ġejjin:

(a) oġġetti li huma kontenituri jew huma komparabbli ma' kontenituri jew li jistgħu jimtlew, b'kapacià ta' anqas minn 500 millilitru (ml) jew aktar minn 10 litri (l);

(b) folji, film jew materjal ieħor jew oġġetti li ma jistgħux jimtlew jew li għalihom mhux prattiku li tiġi stmata r-relazzjoni bejn l-area tal-wiċċ ta' tali materjal jew oġġett u l-kwantità ta' ikel f'kuntatt magħhom.

2. Għal materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba għall-kuntatt jew li diġà huma f'kuntatt ma' ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, kif definit fid-Direttivi tal-Kummissjoni 91/321/KEE (\*) u 96/5/KEE (\*\*), il-limitu tal-migrazzjoni totali għandu jkun dejjem ta' 60 mg/kg.

(\*) ĠU L 175, 4.7.1991, p. 35.

(\*\*) ĠU L 49, 28.2.1996, p. 17.”

4. Fl-Artikolu 4, paragrafu 2, id-data ta' l-“1 ta' Lulju 2006” hija mibdula bi-“1 ta' April 2008”.

5. Jiddaħħlu l-Artikoli 4c, 4d u 4e li ġejjin:

“Artikolu 4c

Rigward l-użu ta' l-addittivi għall-manifattura tas-saffi tal-plastik jew għal kisi tal-plastik fl-għotjien imsemmija fl-Artikolu 1(2)(c), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) rigward l-addittivi mniżżla fl-Anness III, ir-restrizzjonijiet u/jew l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-użu tagħhom stipulat f'dak l-Anness għandhom japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2);

(b) b'deroga mill-Artikolu 4(1), u l-Artikolu 4a(1) u (5), l-addittivi li mhumiex imniżżlin fl-Anness III jistgħu jkomplu jiġu użati, sakemm ma ssirx revizzjoni aktar 'il quddiem, suġġetti għal-liġi nazzjonali;

(c) b'deroga mill-Artikolu 4b l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorizzaw l-addittivi għall-manifattura ta' saffi tal-plastik jew ta' kisi tal-plastik fl-għotjien imsemmija fl-Artikolu 1(2)(c) flivell nazzjonali.

Artikolu 4d

Rigward l-użu ta' addittivi li qed jaġixxu esklussivament ta' għajnuniet fil-produzzjoni tal-polimerizzazzjoni li mhumiex maħsuba biex jibqgħu fil-prodott lest (minn issa 'l quddiem 'il-PPA'), fil-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) rigward il-PPA imniżżla fl-Anness III, ir-restrizzjonijiet u/jew l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-użu tagħhom stipulat fl-Anness III għandhom japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2);

- (b) b'deroga mill-Artikolu 4(1), u l-Artikoli 4a(1) u (5), il-PPA li mhumiex imniżżlin fl-Anness III jistgħu jkomplu jiġu użati, sakemm ma ssirx reviżjoni aktar 'il quddiem, suġġetti għal-liġi nazzjonali;
- (c) Bbderoga mill-Artikolu 4b l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorizzaw il-PPA f'livell nazzjonali.

#### Artikolu 4e

L-użu ta' azodicarbonamide, Nru ta' REF 36640 (Nru CAS 000123-77-3) fil-manifattura tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik huwa pprojbit."

6. Fl-Artikolu 5a(2), il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fl-istadju tat-tqegħid fis-suq għar l-istadji tal-bejgħ bl-immnut, il-materjali tal-plastik u l-oġġetti li huma ntiżi biex jitqiegħu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel i li jkun fihom l-addittivi msemija fil-paragrafu 1 għandhom ikollhom magħhom dikjarazzjoni bil-miktub li tinkludi l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikolu 9."

7. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu li ġej għandu jżied:

"Għal materjali u oġġetti maħsuba għall-kuntatt jew li diġà jinsabu f'kuntatt ma' ikel għat-trabi u t-fal żgħar, kif definit mid-Direttivi tal-Kummissjoni 91/321/KEE u 96/5/KE, l-SMLs għandhom jiġu applikati dejjem bħala mg/kg."

8. Jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

#### "Artikolu 7a

1. F'materjal jew oġġett b'saffi diversi tal-plastik, il-kompożizzjoni ta' kull saff tal-plastik għandha tikkonforma ma' din id-Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, saff li ma jkunx f'kuntatt dirett ma' l-ikel u huwa mifrud mill-ikel b'ilqugħ funzjonali tal-plastik, jista', sakemm li-materjal jew oġġett komplut jikkonforma mal-limiti ta' migrazzjoni totali u speċifiċi speċifiċi minn din id-Direttiva:

- (a) ma jkunx konformi mar-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva u/jew;
- (b) ikun immanifatturat b'sustanzi oħra għajr dawk inklużi f'din id-Direttiva jew fil-listi nazzjonali li jikkonċernaw il-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba għall-kuntatt ma' l-ikel.

3. Il-migrazzjoni tas-sustanzi msemija fil-paragrafu 2(b) lejn l-ikel jew is-simulant m'għandhiex taqbeż iż-0,01 mg/kg, imkejla b'ċertezza statistika b'metodu ta' analiżi skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (\*) Nru 882/2004. Dan il-limitu għandu jkun espress dejjem bħala l-konċentrazzjoni fl-ikel jew is-simulanti. Huwa għandu japplika għal grupp ta' komposti, jekk ikunu rrelatati strutturalment u tossikoloġikament, b'mod partikolari iżomeri jew komposti ta' l-istess grupp funzjonali rilevanti, u għandu jinkludi trasferimenti possibbli minn wieħed għall-ieħor.

4. Is-sustanzi msemija fil-paragrafu 2(b) m'għandhom jidħlu fl-ebda mill-kategoriji li ġejjin:

- (a) sustanzi kklassifikati bħala aċċertati jew issuspettati li huma 'kanċeroġeni', 'mutaġeniċi' jew sustanzi 'tossiċi għar-riproduzzjoni' fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE (\*\*)
- (b) sustanzi kklassifikati bil-kriterju ta' l-awtoresponsabbiltà bħala 'kanċeroġeni', 'mutaġeniċi' jew 'tossiċi għar-riproduzzjoni' skond ir-regoli ta' l-Anness 6 tad-Direttiva 67/548/KEE.

(\*) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

(\*\*) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1."

9. Fl-Artikolu 8 jżied il-paragrafu 5 li jmiss:

"5. Minkejja l-paragrafu 1, għal ftalati (Nru ta' Ref. 74640, 74880, 74560, 75100, 75105) msemija fl-Anness III tat-Taqsima B il-verifika ta' l-SML għandha ssir biss għas-simulanti ta' l-ikel. Madankollu, il-verifika ta' l-SML tista' ssir f'ikel fejn l-ikel għadu ma ġiex f'kuntatt mal-materjal jew ma' l-oġġett u ġie ttestjat minn qabel għal ftalat u l-livell mhuwiex statistikament sinifikanti jew ikbar minn jew ugħali għal-limitu ta' kwantifikazzjoni."

10. L-Artikolu 9 jinbidel b'dan li ġej:

#### "Artikolu 9

1. Fl-istadji tat-tqegħid fis-suq, għajr l-istadju tal-bejgħ bl-immnut, il-materjali u l-oġġetti tal-plastik kif ukoll is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawn il-materjali u l-oġġetti, għandhom ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni bil-miktub skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

2. Id-dikjarazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha ssir mill-operatur tan-negozju u għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VIa.

3. Id-dokumentazzjoni xierqa li turi li l-materjali u l-oġġetti kif ukoll is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali mill-operatur tan-negozju meta tintalab. Dik id-dokumentazzjoni għandha tinkludi l-kundizzjonijiet u r-riżultati tat-testijiet, il-kalkoli, analiżi oħra, u l-evidenza dwar is-sigurtà jew ir-raġunament li juri l-konformità."

11. L-Annessi I, II u III huma emendati kif indikat fl-Annessi I, II u III ta' din id-Direttiva.
12. It-test fl-Anness IV ta' din id-Direttiva jiddaħħal bħala l-Anness IV.
13. L-Annessi V u VI huma emendati skond l-Annessi V u VI ma' din id-Direttiva.
14. It-test fl-Anness VII għal din id-Direttiva jiddaħħal bħala l-Anness VIa.

#### Artikolu 2

L-Anness għad-Direttiva 85/572/KEE huwa emendat kif indikat fl-Anness VIII ta' din id-Direttiva.

#### Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2008 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella tal-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jid-determinaw kif għandha ssir din ir-referenza.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'tali mod li:

- (a) jippermettu l-kummerċ u l-użu tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f' kuntatt ma' l-ikel, u jikkonformaw mad-Direttiva 2002/72/KE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva, mill-1 ta' April 2008;
- (b) jipprojbixxu l-manifattura u l-importazzjoni fil-Komunità ta' għotjien li fihom siġill, li ma jaqblux mar-restrizzjonijiet u ma' l-ispeċifikazzjonijiet għan-Nru ta' Ref 30340; 30401; 36640; 56800; 76815; 76866; 88640 u 93760 stipulati fid-Direttiva 2002/72/KE kif emendata b'din id-Direttiva minn-1 ta' Ġunju 2008;
- (c) jipprojbixxu l-manifattura u l-importazzjoni fil-Komunità ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li ma jikkonformawx mar-restrizzjonijiet u ma' l-ispeċifikazzjonijiet għall-ftalati (Nru ta' Ref 74560; 74640; 74880; 75100; 75105) stipulati f'din id-Direttiva minn-1 ta' April 2008;
- (d) mingħajr preġudizzju għall-punt (b) u (c), jipprojbixxu l-manifattura u l-importazzjoni fil-Komunità ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f' kuntatt ma' l-ikel u li ma jikkonformawx mad-Direttiva 2002/72/KE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva, mill-1 ta' April 2009.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX I

L-Anness I għad-Direttiva 2002/72/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħlu l-punti 2a u 2b li ġejjin:

“2a. Il-korrezzjoni tal-migrazzjoni speċifika fl-ikel li fih aktar minn 20 % xaħam skond il-Fattur tat-Tnaqqis tax-Xaħam (FRF Fat Reduction Factor):

‘Il-Fattur tat-Tnaqqis tax-Xaħam’ (FRF) huwa fattur bejn 1 u 5 li bih għandha tiġi diviża l-migrazzjoni mkejla ta' sustanzi lipofiliċi f'ikel imxaħħam jew f' simulant D u s-sostituti tiegħu qabel ma titqabbel mal-limiti ta' migrazzjonijiet speċifiċi.

*Regoli Ġenerali*

Is-sustanzi meqjusa ‘lipofiliċi’ għall-applikazzjoni ta' l-FRF huma elenkati fl-Anness IVa. Il-migrazzjoni speċifika ta' sustanzi lipofiliċi f' mg/kg (M) għandha tiġi korretta bil-varjabbli FRF bejn 1 u 5 ( $M_{FRF}$ ). L-ekwazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu applikati qabel it-tqabbil mal-limitu legali:

$$M_{FRF} = M/FRF \quad (1)$$

u

$$FRF = (g \text{ ta' xaħam fl-ikel/kg ta' ikel})/200 = (\% \text{ xaħam} \times 5)/100 \quad (2)$$

Din il-korrezzjoni mill-FRF mhijiex applikabbli fil-każi li ġejjin:

- meta l-materjal jew l-oġġett jinsab jew huwa maħsub li jingiebi f'kuntatt ma' l-ikel li fih anqas minn 20 % xaħam;
- meta l-materjal jew l-oġġett jinsab jew huwa maħsub li jingiebi f'kuntatt ma' l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar kif mfissra fid-Direttivi 91/321/KEE u 96/5/KE;
- għal sustanzi fil-listi tal-Komunità fl-Annessi II u III li għandhom restrizzjoni fil-kolonna (4) SML = ND jew għal sustanzi mhux elenkati użati wara l-ilqugħ funzjonali tal-plastik b'limitu ta' migrazzjoni ta' 0,01 mg/kg;
